MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 26

Il-Ġimgħa 10 t'April 2026

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ġimgħa 10 t'April 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

26.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Viċi Sindku Carmela Parnis infurmat lill-Kunsill li ser tkun indisposta u ma tistax tattendi għal-laqgħa. Il-membri tal-Kunsill li kienu preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

### 26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

26.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 25 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

26.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

26.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

26.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-ħarġa soċjo-kulturali li organizza l-Kunsill għar-residenti nhar il-31 ta' Marzu 2026 saret b'suċċess u kien hemm attendenza numeruża.

26.3.2 Is-Sindku ressaq proposta sabiex tiġi organizzata ħarġa kulturali għar-residenti ġewwa l-Belt Valletta fl-okkażjoni ta' Jum L-Omm nhar is-7 ta' Mejju 2026 fejn inżuru Forti Sant'Iermu kif ukoll l-Valletta Green Festival fi Pjazza San Ġorg, il-Belt Valletta. Kien hemm qbil mill-membri dwar din il-proposta.

26.3.3 Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex jinbidlu s-siġar tal-Pjazza tal-Knisja li jinsabu mejtin kif ukoll isir ftit tisbieħ permezz ta' fjuri staġjonali. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 26.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

26.4.1 Il-Kunsillier Mark Busuttil informa lill-membri li, wara snin twal ta' problema ta' tnixxija ta' ilma u drenaġġ minn taħt Triq il-Puniċi sa Triq San Xmun fix-Xlendi, is-sitwazzjoni marret għall-agħar. Spjega li minn tnixxija żgħira, il-likwidu beda jinżel b'mod kontinwu. Żied jgħid li, wara jumejn, il-problema ġiet indirizzata temporanjament mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, u li ġie infurmat li fil-futur qarib se tittieħed azzjoni biex tissolva b'mod definittiv.

26.4.2 Il-Kunsillier John Cassar staqsa dwar il-problema ta' *overspeeding* fi Triq ix-Xlendi biex tinstab soluzzjoni qabel iseħħ xi inċident ikrah. Wara diskussjoni bejn il-membri fejn ġie mgħarraf li l-Kunsill kien diġa' għamel talba lill-Gvern Ċentrali biex tiġi installata *speed camera* f'din it-triq, peress li hija triq arterjali, ġie deċiż sabiex il-Kunsill jitlob lill-Pulizija sabiex isiru aktar spezzjonijiet permezz ta' *speed guns*.

## 26.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

26.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri dwar il-proċess fis-sejħa għall-offerti sabiex jiġi nstallat *railing* ġdid fil-parti ta' fuq ta' Triq San Xmun fix-Xlendi. Huwa nforma lill-membri li ż-żmien tas-sottomissjonijiet għalaq u qed issir l-evalwazzjoni tal-offerti mill-bord.

26.5.2 Dwar il-proġett tal-installazzjoni ta' fanali dekorattivi fi Triq Rumani u Triq Kavallier fix-Xlendi, is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill għaddej b'ħidma mal-Inġinier biex jiġu sottomessi dokumenti oħra mitluba mill-awtoritajiet sabiex jinħarġu l-permessi neċessarji.

26.5.3 Fir-rigward tal-qlugħ u l-bdil tal-palm fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi, is-Sindku għarraf lill-membri li se ssir laqgħa fuq il-post mal-kuntrattur sabiex jibdew ix-xogħlijiet fil-jiem li ġejjin.

## 26.6 Ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2025;

26.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2025 flimkien mar-rapport tal-ħidma tal-membri tal-Kunsill skont ir-responsabiltajiet assenjati lilhom, liema rapport ġie ċċirkulat minn qabel.
Ir-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2025 ġie approvat mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 26.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

26.7.1 Il-Kunsill irċieva konferma u ftehim ta' kollaborazzjoni dwar l-installazzjoni ta' żewġ libreriji mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu wara li l-Kunsill esprima l-interess wara sejħa mill-istess aġenzija. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jiffirma dan il-ftehim għall-installazzjoni ta' żewġ libreriji żgħar, waħda fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina u oħra fi Ġnien il-Ġebla tal-Poplu fil-Munxar.

26.7.2 Il-Kunsill irċieva konferma mill-uffiċċju tad-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni mill-Kunsill Lokali għall-inizjattiva 'Minn Pjazza għal Pjazza'. Il-Kunsill innota dan.

26.7.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-organizzazzjoni "Zibel Tribe" fejn qed titlob permess sabiex jitpoġġa kontenitur taż-żibel fi Pjazza Anfori fix-Xlendi għall-użu tad-*divers* li qed kontinwament jiġbru skart minn qiegħ il-baħar. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil sabiex dan il-permess ma jingħatax minħabba li hemm diġa' ħafna kontenituri tal-iskart li kawża tagħhom qed jiġi mormi ħafna skart illegalment. Kien hemm qbil mill-membri sabiex l-iskart riċiklabbli jintefa' fil-kontenituri li hemm preżentament filwaqt li jekk ikun hemm xi skart goff jinġabar b'xejn mill-Kunsill.

26.7.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex sabiex għat-tielet darba issir l-attivita' kulturali flimkien mas-Seminarju Minuri t'Għawdex bl-isem "Għawdex tikka tikka, kull tikka storja, kull storja aħna!". Kien hemm qbil dwar id-data tal-Erbgħa 15 t'April 2026 u jsir kollox bħat-tieni attivita' għal dan it-tielet grupp ta' studenti.

26.7.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza bl-iskeda tal-*mini sweepers* fil-lokalitajiet maħruġa mid-Direttorat tal-Manutenzjoni u Ndafa Pubblika fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.7.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand riċerkatur fi ħdan l-Universita' ta' Bern, b'talba sabiex flimkien ma' grupp ta' storiċi iżuru t-Torri tax-Xlendi. Ma kienx hemm oġġezzjoni mill-membri għal dan.

26.7.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Gozo Regional Development Authority sabiex jiġu nstallati żewġ stands tar-roti fi Pjazza Anfori fix-Xlendi u fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Wara

Kunsill Lokali Il-Munxar

diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex jiġu nstallati stands tar-roti ġodda fi Pjazza Anfori fix-Xlendi minflok dawk li hemm preżentament filwaqt li ma jiġux installati fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar peress li diġa' hemm ħdejn Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina fil-Munxar.

26.7.8 Wara li l-Kunsill Lokali Il-Munxar flimkien ma' grupp ta' Kunsilli oħra ssottomettew applikazzjoni għall-fondi ewropej varata mill-Awtorita' Maltija tal-Innovazzjoni Diġitali dwar l-intelliġenza artifiċjali biex jiffaċilitaw ċertu sfidi li jiltaqgħu magħhom ir-residenti, il-Kunsill irċieva korrispondenza li l-applikazzjoni ma ġietx milqugħa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.7.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand NextGen Gozo Academy, li Munxar Falcons FC huwa msieħeb f'din l-akkademja tat-tfal, b'talba għall-kollaborazzjoni sabiex jiġi organizzat turnew tal-futbol nhar is-16 ta' Mejju 2026 ġewwa l-Gozo Stadium. Kien hemm qbil mill-membri għal din il-kollaborazzjoni.

26.7.10 PQ 35575 – Bandli Maqlugħin. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

26.7.11 Ċirkulari Nru AKL 2026/027 – Prospect First call for applications is now open. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.7.12 Ċirkulari Nru AKL 2026/028 – Sejħa għall-Interess – Parteċipazzjoni fil-Proġett Ewropew COHERIT (CERV Programme 2026). Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.7.13 Ċirkulari Nru AKL 2026/029 – Invitation to the European Social Services Conference (ESSC) in Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.7.14 Ilment 87/2026
Residenta fi Triq it-Torri fix-Xlendi tiġbed l-attenzjoni ta' rwejjaħ u ħmieġ ħierġa minn appartament fl-istess blokka li tirrisjedi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand il-Pulizija tal-Komunita'.

26.7.15 Ilment 88/2026

Kunsill Lokali Il-Munxar

Talba sabiex issir bankina ġdida għall-post ġdid fi Triq Sant'Anjeże fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar.

26.7.16 Ilment 89/2026
Talba għall-manutenzjoni tal-bankina tar-residenza tiegħu fi Triq San Pawl fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri biex isir dan ix-xogħol.

26.7.17 Ilment 90/2026
Talba għall-manutenzjoni tal-bankina fi Triq San Pawl fil-Munxar kif ukoll talba għal xogħol ta' *patching* fl-istess triq. Kien hemm qbil mill-membri għal dan ix-xogħol.

26.7.18 Ilment 91/2026
Talba għall-manutenzjoni ta' bankina fi Triq il-Qsajjem fix-Xlendi minħabba problema ta' ilma li qed jidħol fil-proprjeta' tiegħu. Kien hemm qbil mill-membri għal dan ix-xogħol.

26.7.19 Ilment 92/2026
Talba sabiex jitneħħa *road marking* ta' parkeġġ li kien riżervat għall-persuna bi bżonnijiet speċjali wara li m'għadhiex tirrisjedi f'dawk l-inħawi. Kien hemm qbil sabiex issir verifika ma' Transport Malta u filkas jinqaleb għall-parkeġġ normali.

**26.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

26.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 26/2026-9 għall-perjodu bejn il-21 ta' Marzu 2026 u l-10 t'April 2026 li tammonta għal €21,698.42 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier John Farrugia kien il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Cassar is-sekondant.

**26.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

26.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 15 ta' Mejju 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, l-Erbgħa 20 ta' Mejju 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali Il-Munxar